MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 657/2005

**Maltacom p.l.c. (C 22334)**
**vs**
**M. D. Trucking Limited (C 23407)**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess:

Premess illi skond id-dokumenti relattivi hawn annessi u markati Dok. A u B kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mis-socjeta' Maltacom p.l.c. is-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlettax il-elf hames mija, sitta u sittin lira Maltija u dsatax il-centezmu (Lm13,566.19) in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon relattiv ghal-linji bin-numri tnejn, wiehed, tnejn, tlieta, xejn, erbgha, disgha, xejn (21230490) u tnejn, wiehed, tnejn, erbgha, hamsa, sebgha, hamsa, sebgha (21245757), skond il-prospett hawn anness u markat bhala Dok. C;

Premess illi s-socjeta’ konvenuta nterpellata biex thallas baqghet inadempjenti;

Premess illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u ezigibbli;

Tghid is-socjeta’ konvenuta ghaliex din il-Qorti m’ghandiex:

1. tiddecidi l-kawza skond it-talba tas-socjeta’ attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. tikkundnna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlettax il-elf hames mija sitta u sittin lira Maltija u dsatax il-ecentezmu (Lm13,566.19);

Bl-ispejjez, inkluz dawk tat-taxxa tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet mill-prezentata ta’ din ic-citazzjoni kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa hija ngunta insubizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta’ konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet lil P.L. Noel Scerri li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizult pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------